MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 4/2008

**Paolina Tanti (ID 775338M)**
**Maryanne Gatt (ID 222168M)**

**vs**

**Emanuel Cachia, Mary Urry mart Joseph, Rose Borg mart Alfred, Dorothy Kuyle mart Kuhnce, Sylvia Magri mart Raphael u Sylvio Mangion, lkoll eredi tal-mejjet Louis Cachia**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"Illi r-rikorrenti kienu jikru lill-awtur tal-intimati porzjon raba' msejjah "Ta' Imsiefer" jew "Ta' Wied il-Qoton", limiti ta' Hal-Far bil-qbiela ta' ghaxar liri Maltin ekwivalenti ghal Euro 23.29, pagabbli f'Santa Marija b'lura;

Illi huma gia intavolaw il-proceduri opportuni kontra l-intimati (Rikors nru 17/02JC) li gew decizi defittivament u favorevolment ghat-talba tal-esponenti permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-11 ta’ Jannar 2006;

Illi s-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Appell li permezz taghha l-intimati inghataw xahar mid-data tas-sentenza biex jizgumbraw u jghaddu lura l-pussess tal-art imsemmija lir-rikorrenti ma gietx onorata u f’dan l-istadju ma tistax tigi segwita stante li l-pagament ghall-kumpens dovut lill-intimati mir-rikorrenti ma thallasx fiz-zmien stabbilit u cioe’ fiz-zmien xahar mid-data tas-sentenza fuq riferita u ai termini tal-Artiklu 4(6) tal-Kap 199, u konsegwentement is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell hija ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, bla effett;

Illi l-esponenti ghad ghandhom bzonn l-imsemmija raba’ ghalihom u l-intimati ma ghandhomx bzonn l-istess raba, tant li jidher li minghajr ebda permess tas-sidien ghaddewha lil terzi;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmija raba u ghal fini tal-izgumbrament jigi prefiss lill-intimat zmien qasir u perentorju u li jillikwida l-kumpens dovut lill-intimati skond il-Ligi;

Bl-ispejjes kontra l-intimati;

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

Illi ghalkemm kif jinghad fir-rikors promutur is-sentenza gia’ moghtija bejn il-partijiet kontendenti **ma setghetx tinghata effett** skond il-ligi billi ma gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-artiklu 4(6) tal-Kap 199, xorta wahda pero sehh gudizzju bejniethom ibbazat kif kien fuq il-kawzali tal-bzonn tas-sid, ibbazata fuq l-istess kawzali, ma tistax titkompla minhabba *‘res judicata’.*

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli billi l-esponenti jahdmu r-raba nvolut ghall-bzonnijiet taghhom u in fatti jinhtiegu l-istess raba ghalihom;

Ra l-atti tar-rikors u semgha lill-partijiet:

Ikkonsidra:

Illi din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati, liema eccezzjoni hija wahda ta' natura preliminari u tirrigwarda l-inabilita' tar-rikorrenti li jipproponu din il-procedura stante li l-Bord diversament presedut kien gia iddecieda l-mertu f'kawza ohra konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Illi dwar l-eccezzjoni ta' *res judicata* il-Qrati taghna jirritjenu illi biex tirnexxi din l-eccezzjoni jehtieg l-konkorrenza ta' tlett elementi u cioe' *eadem res, aedem personae* u *eadem causa petendi.* (vide **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et PA 25.9.2003**, Digriet fl-atti tal-**Mandat ta'Inibizzjoni 3639/00 RCP 8/1/02 Av. Joseph M Sammut vs Tat-Taljan Co Ltd** per Onor. Mhallef R.C.Pace u **Joseph Caruana et vs Amelia Emanuela Ruggiet et App. Civ 14/7/04.** Dawn it-tlett elementi jehtieg li jikkonkorru flimkien sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-gudikat ghalhiex altrimenti *nisi omnia concurrunt, alia res est* . Illi ghalhekk dan il-Bord ser jghaddi biex jezamina jekk dawn it-tlett elementi humhiex ezistenti fil-kaz in dizamina u jekk hemmx din il-konkorrenza mehtiega bejnithom.

***Eadem Personae:*** Illi l-kawza odjerna hija istitwita minn u kontra l-istess partijiet fir-rikors numru 17/1992 JC deciz minn dan il-Bord diversament presedut fil-11 t'April 2005 u konfermat in sede Appell fil-11 ta' Jannar 2006, per Onor. Mhallef Philip Sciberras u dan fuq l-istess ghalqa mertu tal-kawza in dizamina. Ghalhekk jirrizulta l-ewwel element fuq imsemmi u cioe' biex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* jehtieg li tkun saret mill-istess partijiet;

***Eadem Res:*** Ir-rikors in dizamina huwa dwar r-raba' mejjah "Tal-Imseifer" jew "Ta' Wied il-Qoton", limiti ta' Hal-Far, bil-qbiela ta' ghaxar liri Maltin, ekwivalenti ghall Euro 23.29 fis-sena, pagabbli f'Santa Marija, b'lura. Din hija l-istess ghalqa li kienet mertu tar-rikors 17/1992JC u ghalhekk hawn ukoll tirrizulta dik l- identita' bejn l-oggett mertu tal-kawza gia deciza u dik in dizamina;

***Eadem causa petendi:*** . Fil-kawza **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et PA 25.9.2003**, kien sar ezami approfondit dwar dak li jista' jammonta ghall-istess mertu (*eadem causa petendi*) u s-segwenti siltiet jimmeritaw li jkunu hawn riprodotti ghall-ahjar intendiment:

Illi qabel ma l-Qorti tqis dawn iz-zewg pozizzjonijiet, tosserva li gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat

Illi dan it-taghlim gie mfisser u mtenni wkoll b'mod car hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawza fl-ismijiet *Grima vs Fava et* li ghaliha u r-rassenja ta' gurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-identita' tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat;

Il-procedura odjerna saret minhabba l-fatt illi s-sentenza konfermata fl-appell dwar l-istess mertu ma tistax aktar tkun ezegwita ghaliex dik il-Qorti, filwaqt li kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti, li huma r-rikorrenti odjerni, ghar-ripresa tal-ghalqa, kienet ukoll stabbiliet kumpens li kellu jithallas lill-intimati fi zmien xahar. Issa, filwaqt illi r-rikorrenti fil-kawza odejerna semmu dan kollu fil-premessi

taghhom, it-talba lil-Bord hija sabiex “jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmija raba u ghal fini tal-izgumbrament jigi prefiss lill-intimat zmien qasir u perentorju u li jillikwida l-kumpens dovut lill-intimati skond il-ligi” u dan wara li *inter alia* ddikjara illi ghad ghandom bzonn l-ghalqa u li dan mhux il-kaz ghall-intimati li ghaddewha lil terzi minghajr il-kunsens tas-sidien.  Illi dan huwa l-istess mertu tal-kawza17/1992 JC

Jirrizulta ghalhekk illi t-talba odjerna hija l-istess bhat-talba fil-kawza li qed jinghad li ghaddiet in gudikat .  Ghalhekk il-Bord hu tal-fehma illi anke hawn jirrizulta l-element ta’ *aedem causa petendi* u b’hekk jikkonkorru l-elementi kollha flimkien kif rikjest mil-gurisprudenza.

Ghal dawn il-motivi, jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------